# *The Sword*

Nistħajlu l-protagonist melankoliku ta' film tal-ispiji, jew forsi vjaġġatur minn żmien il-qedem fi triqtu lejn port misterjuż fl-Orjent. Qed iserraħ driegħu fuq il-poġġaman ma' tarf il-gverta u jiskanta 'l barra lejn it-tikek żgħar ta' dawl jimmarkaw l-istrixxa inviżibbli tal-kosta Maltija, tulha kollha, minn Għawdex sa Wied il-Għajn. Minn dik id-distanza, billejl fid-dlam, faċli tinħoloq l-illużjoni li huwa xatt twil ma jispiċċa qatt, it-tarf ta' kontinent enormi, dak li lejh huwa riesaq il-vapur. Illużjoni li ttaqqal qalb Richard.

Il-vapur kien għaddej b'veloċità regolari, jaqta' triqtu fil-baħar iswed, u ż-żiffa friska li ħakmet il-beraħ fuq il-gverta kienet waħda pjaċevoli. Id-dwal ta' Malta max-xefaq teptpu bi kwiethom, jagħtu l-impressjoni ta' kuntentizza u paċi. Tidher innoċenti Malta, meta tirriduċiha għal erbat idwal iteptpu ma' tarf il-lejl. Kien wisq 'il bogħod biex jilmaħ il-fanali tal-karozzi, iżda seta' jimmaġinahom, il-ftit li jkun hemm dal-ħin ta' billejl, iħufu fit-toroq mudlama u żmattati, u n-nies ġo fihom, dawk l-uċuħ ta' ħutu l-Maltin fl-erbgħa ta' filgħodu, bl-inkwiet kollu tagħhom. Stħajjel lilu nnifsu barrani riesaq

lejn Malta għall-ewwel darba, fuq missjoni importanti u perikoluża. Il-Kavallieri. Il-Franċiżi. L-Għarab. Ir-Rumani. San Pawl. Apprezza r-riħa tal-baħar tagħraxlu mnieħru.

Imdendla baxx baxx preċiża fuq Malta quddiemu ra kewkba tiddi luminuża. Stħajjilha l-istilla li wriet it-triq lit-tliet maġi u bla ma ried ħass bħal raxx ta' demm tiela' għal rasu. Bejnu u bejn ruħu stqarr dan il-kliem:

"My country. My island. My nation. My home."

Kien konxju ta' kemm kien qed ikun redikolu u bombastiku, iżda ħalla dak il-ħsieb jinħataf mir-riħ u jinbela' mill-baħħ. Dan mhux żmien kwalunkwe; dan żmien kritiku fl-istorja tagħna, u stqarrijiet bombastiċi setgħu anke jsaħħu l-qalb dgħajfa, beżżiegħa, ta' wieħed bħalu.

Wara kollox, fi żminijiet ta' kriżi jew ta' pressjoni kbira, l-individwu huwa kostrett li jdur għas-superstizzjoni. Din tista' timmanifesta ruħha f'sens ta' destin, jew f'sens ta' missjoni inevitabbli, jew dmir jew dover. B'dan il-mod l-inkwiet preżenti jitqiegħed f'kuntest usa' u ma jibqax daqstant tal-biża'. Jingħata sens għat-tbatija, għaliex tbatija bla sens hija waħda mill-agħar affarijiet li jista' jġarrab bniedem. Il-pajjiż kollu, jew aħjar, nofsu, kien qed jagħmel l-istess, ifittex madwaru għal sinjali, forsi divini, forsi le, li juruh li hemm pjan, li b'xi mod kollox ħa jintemm b'wiċċ il-ġid. Għalhekk għajnejhom kienu fuq il-Filippini, jittamaw li tirnexxi r-rewwixta popolari mmexxija minn Corazon Aquino kontra d-dittatur Ferdinand Marcos. U għalhekk dawk il-banners ta'

Solidarność fil-mass meetings. Ma ħarab lil ħadd id-dettall importanti li l-Pollakki u l-Filippini kienu bħalhom il-Maltin Kattoliċi ferventi, u b'hekk kien hemm rabta ċara bejnhom u taqbida politika qed tiżvolġi f'pajjiż fin-naħa l-oħra tad-dinja. Bħal Aquino, bħal Walesa, huma wkoll kellhom mexxej Kattoliku devot li bis-saħħa tiegħu, jekk Alla jrid, kienu se jeħilsu mill-madmad Soċjalista ta' reġim oppressiv, moralment korrott u vjolenti.

Kollox ma' kollox, fl-aħħar mill-aħħar, kien raġel u missier daqshom Richard, dawk l-oħrajn, kollha kemm huma jinġabru bi ħġarhom bil-għaqal u mħeġġa kull nhar ta' Ħadd għall-mass meeting ta' kull ġimgħa. Nhar ta' Ħadd biex ma jkunx hemm ekwivoċi. Kienu quddisat dawk il-meetings u l-folol kbar kienu kull darba jinġabru flimkien bħal kongregazzjoni, magħqudin taħt l-istess bandiera, l-istess għajta. U kien tajjeb li huwa hekk. Saħansitra, ara kemm kien wieħed minnhom, dan l-aħħar kienu ssieħbu, huwa u l-mara, fi prayer group biex jitolbu għall-mexxejja tal-PN u l-Knisja. *Let's now offer up a prayer of thanks to God for blessing us with a wise and brave leader, Eddie Fenech Adami* … bla bla bla … u iva, xi ħaġa jagħmlu dawn il-kummiedji: iżommu n-nies okkupati, jaħsbu li qed jagħtu sehemhom fil-ġlieda, anke jekk fl-aħħar mill-aħħar ma jiswa xejn dak it-talb kollu. Arani — daħak b'dan il-ħsieb — naqa' fin-nasba tax-xettiċiżmu. Fil-verità jiswew mhux ma jiswewx. Kollox jiswa. It-talb ukoll jagħmel parti mill-mewġa ta' tama u fiduċja fil-ġejjieni; huwa arma qawwija daqs l-azzar għax issaħħaħ il-qlub kollha flimkien li b'leħen wieħed

isawru dik il-mewġa li tleħħen ir-rieda t'Alla. Għax Alla magħna. L-istess bħall-folol kbar fil-mass meetings, kull ras, persuna, individwu, li qed jagħti sehmu, jagħmel parti mill-mewġa ta' rieda tajba, riesqa dejjem riesqa lejn ix-xatt dik il-mewġa kbira, u ħa jegħrqu taħtha l-ħżiena kollha, il-Mintoffs, KMBs, Wistin Abelas, Lorry Sants, il-korruzzjoni, it-thugs, il-mibegħda, l-inġustizzji, il-jasar ta' Malta, u hu, fil-quċċata ta' dik il-mewġa, ir-ragħwa, l-essenza, l-iskjuma ta' dik il-qawwa kollha li ilha tinġabar is-snin, b'kull inġustizzja, b'kull sawta fiċ-ċella tad-Depot, b'kull qatra ilma li m'għandniex, b'kull Kurja u *Times* li kienet qed titkisser, b'kull elezzjoni misruqa, b'kull insult fuq ix-Xandir Malta, b'kull strajk tat-tobba u tal-għalliema, b'kull aggressjoni u transfer, il-mewġa kienet qed titqawwa u titqawwa, dik l-istess mewġa li kull nhar ta' Ħadd kienet tinstema' bħala l-għajta isterika ta' min ma jafx jiddistingwi iktar bejn it-tama u d-disperazzjoni. "*Eddie! Eddie! Eddie!*" "*Xogħol! Ġustizzja! Libertà!*" Iżda kien jibqa' l-fatt li xejn ma kien se jmiss qalb dawk il-kriminali Faxxisti fil-poter. Dawk kienu jifhmu biss il-lingwa li jużaw huma stess. Il-ponn. Jitkellmuha sew, u aħna, kien qallu Spiteri l-ewwel darba li kellmu, irridu nitkellmuha aħjar. Irridu nuruhom li naslu. *Ejjew inkunu pragmatiċi,* tenna iktar minn darba Spiteri. Jekk trid rivoluzzjoni trid tagħmel bħall-Franċiżi. Egalité, Fraternité, Liberté waħedhom ma kienu se jwassluhom imkien. Kellhom il-giljottina wkoll. Ħalli li r-rivoluzzjonarji Franċiżi kienu fuq l-estrem l-ieħor tal-ispettru ideoloġiku. Ma jimpurtax. We can

learn from everyone. Besides, on a practical level, it makes no difference whether it's the left killing the right or the right killing the left. The important thing is to know your enemy. Dakinhar tal-party tat-tfal:

"Is-serp rasu trid taqtagħlu biex toqtlu, u mhux denbu, inkella jibqa' jferfer."

Spiteri kellu mod kif jgħidhom l-affarijiet. Għal Mintoff kien qed jgħid. Huwa kien ir-ras tas-serp, u mhux KMB. Dan tal-aħħar kien laħaq Prim Ministru, fair enough, imma kienet ħaġa minn ewl id-dinja li mingħajr Mintoff, Karmenu, l-hekk imsejjaħ Żero, ma kien xejn. Kill Karmenu and nothing essentially will change. Imma oqtol lil Mintoff u l-istruttura kollha tal-partit tagħhom tikkrolla, I guarantee it.

Mill-kamra l-oħra nstemgħu fl-isfond ta' dawn il-konverżazzjonijiet imqanqla, it-tfal qed jiddevertu, jgħajtu, jaqbżu, jieklu u jħammġu u jibku u jidħku, u l-magician ilesti l-affarijiet ħa jibda x-show, filwaqt li fil-kamra ta' ġewwa, missirijiethom, l-irġiel, kienu diġà bdew ifasslu l-pjan, iwittu t-triq lejn it-twettiq tal-Idea.

"L-affarijiet huma agħar milli jaħsbu n-nies. Isimgħuni. Inti immaġina kellek tmur lura fiż-żmien let's say san-nineteen thirty two, u jkollok iċ-ċans toqtol lil Hitler … Jekk tagħraf it-tumur qabel ma jibda joqtlok … tneħħih, le? Aħna hekk qegħdin bħalissa, fin-nineteen thirty two tagħna, ta' Malta. L-elezzjoni s-sena d-dieħla mhux ħa ssir; dan nafuh minn sorsi li ta' min jafdahom. Is-serp huwa fil-punt li jaqbeż u jagħti l-aħħar kolp. The point of no return. Jiġifieri, se jagħmlu

l-PN illegali, se jitolbu l-għajnuna tal-Libjani, se nkunu okkupati mill-Għarab. Jekk ma nagħmlux xi ħaġa issa, wara jkun too late, tard wisq, sakemm ma rridux li jinxtered ħafna iżjed demm. U ħadd mhu ġej jgħinna. Niggarantilek. F'idejna d-destin tagħna. Mhux imbilli jimlew rashom bis-Sixth Fleet Amerikana lesta biex tiġi ssalvana. Iva hemm qegħdin, jistennew, imma l-ewwel pass aħna rridu nagħmluh."

"*Aħna* rridu nagħmluh? Għalfejn aħna? Għalfejn ma jiġux jgħinuna? Għax Malta mhux importanti daqs il-Grenada? Ma jridux iħammġu jdejhom?"

Forsi rajna wisq films, qrajna wisq kotba, smajna wisq paroli. Id-dubji tas-soltu. Il-kuraġġ għandu ħabta jmajna minflok jissaħħaħ, iktar ma tersaq lejn il-mument tal-verità. Sena qabel, huma u jargumentaw wara li raw *Raid on Entebbe*, kollha flimkien imgeddsin ġol-kantina ta' Cassar, bil-proġekter storbjuż idawwar it-tertuqa mtertqa u klandestina fuq liżar imwaħħal mal-ħajt, kellu jkun hu, Richard, li ħa l-inizjattiva, meta Baldacchino beda ħiereġ bl-iskużi ta' min m'għandux il-kuraġġ jibdel l-istorja ta' pajjiżu.

"Il-Palestinjani? L-IRA? Se ninżlu għal-livell tagħhom? Aħna nirrappreżentaw iċ-ċivilizzazzjoni mhux il-Barbariżmu," leħnu jirtogħod għax jaf li huwa outnumbered, outgunned, waħdu kontra l-mewġa tal-istorja.

Qabeż hu, Richard, *the chosen one*:

"Ħeħ, il-Barbariżmu, taħseb li huwa exclusive għal naħa waħda biss? The aims count, not the means, and

our aims are not barbaric. Anzi, quite the contrary. Peace and stability and economic prosperity as a European state, a Christian state. Mhux noble aims dawk Godfrey? Għalfejn qed tqabbilna mal-IRA u l-PLO?"

"Ejjew ma nkunux daqshekk dispreġjattivi kontra l-Palestinjani," qabeż Spiteri minnufih, ta' man of the world u tal-esperjenza li kien. "L-Iżraeljani mhux xi ħelwin. Nassigurakom li kieku konna fl-istess qagħda tal-Palestinjani, l-istess bħalhom konna nagħmlu. Irridu nkunu kuraġġużi daqshom fix-xhur li ġejjin, inkella ..."

"Mela terroristi aħna? Qed taħsbu bħalhom, u ara x'qed jiġri. You're not thinking of the consequences," insista Godfrey, kważi bid-dmugħ f'għajnejh. "How many innocent people will have to die before we reach our aim? Hell will break loose if we do this. And children will be dying, I guarantee you, there will be no limits. Rich, you have two sons. You fire that gun, you're aiming at them, at all our sons and daughters. At their future."

"And what sort of future is there for them if we don't do something? You think they'll go quietly those gangsters? U ssemmu s-Sixth Fleet Amerikana, qisha kienet xi ħaġa tajba. Yes, in one way it's important that they are there, waiting, to help out, but don't you think we're like a time bomb here? You think our *blood brother* Gaddafi will just sit and watch while his friends are knocked off their pedestal u jidħlu l-Amerikani Malta? At his doorstep. Ma nafx. I'm with you all, but I have this bad taste in my mouth. There must be another way. Id-demokrazija mhux hekk trid taħdem. Eddie għandu raġun. Il-vjolenza

mhijiex soluzzjoni. Ninżlu għal-livell ta' dawk il-ħnieżer tal-Maċina. U jekk nakkwistaw il-poter b'att vjolenti, bi qtil f'ġieħ kemm hemm, ma jimpurtax ta' min, qtil hu x'inhu, kif tippretendu li se nkunu xempju tal-mod tajjeb kif għandha titmexxa Malta? The new Malta. Tinsiex, those who live by the sword, die by …"

"Yes yes, the sword," interrompieh Spiteri, b'ton kemxejn nejjieki li wera b'mod ċar li d-dibattitu hemmhekk kien se jieqaf. Żmien il-paroli kien għadda. Issa ħin l-azzjoni.

*Act decisively, no hesitation, no fear, direct.*

Issa, f'dal-mument, fuq dik il-gverta f'tarf il-lejl, kien konxju bħalma qatt ma kien qabel, li kien jinsab fuq il-ponta preċiża tas-sejf, *the sword*. Kienet kesħa fina hemm barra. Ħaseb fil-mara, li jumejn oħra kienet se tkun l-ajruport, fil-gallarija, twerreċ għajnejha lejn is-sema biex forsi tilmaħ nieżel qabel kulħadd l-Air Malta minn Londra li fuqu 'k Alla jrid kien se jkun hu. U fit-tfal, ukoll fil-gallarija, jiġru wara xulxin, mingħajr kwiet, mejtin għaċ-ċikkulata u l-ġugarelli li kien wiegħed li se jġibilhom. L-innoċenza ta' familtu, l-istess bħad-dwal ta' Malta jteptpu ma' tarf il-lejl.

Innoċenza tassew. Innoċenza u naiveté. Min seta' jgħid x'kien se jiġri jekk il-missjoni tiegħu tirnexxi? U allaħares għalih jekk ma tirnexxix. U jekk jinqabad? U jekk KMB jinżel fuq il-PN b'ponn tal-azzar u s-saħħa ta' dittatur, u nsiru agħar milli aħna. *Biex nimxu għall-aħjar l-ewwel irridu nkunu agħar*. Words of wisdom jew denb ix-xitan? U jekk l-għajnuna mwiegħda mill-oħrajn

ma tasalx? F'daqqa waħda l-impossibilità ta' x'kien se jagħmel niżlet fuqu bħal piż enormi f'qalbu. Qalbu letteralment ħassha taċ-ċomb, tqila, ittaqqlu, u kważi qatagħlu nifsu dak is-sens ta' biża' terribbli għall-ġejjieni, għat-tfal tiegħu, għar-responsabilità kbira li kien refa' fuq spallejh. Kienet assurda l-istampa li kellu f'moħħu ta' familtu tistennieh ħerqana l-ajruport. Jekk jirnexxi fil-missjoni aktarx l-ajruport lanqas biss ikun miftuħ jumejn oħra. Il-pajjiż kollu jkun waqaf. Is-Salvatur ta' Malta assassinat … x'tippretendi, li nkunu business as usual, aħseb naqra … pajjiż fil-kaos. Immaġina ftit it-tpattija, ir-rabja u l-mibegħda, running like wild dogs in the streets. Gwerra ċivili, kien hemm iċ-ċans. X'se tagħmel b'idejk? Se tagħfas il-grillu u int u toqtol mostru se twelled ieħor agħar? Bloodthirsty. *Fee fo fum, I smell the blood of a PN man*. Ġiegħal il-muskoli ta' ħalqu jifformaw tbissima iżda l-effett ma kienx dak mixtieq.

U dakinhar li marru l-prayer meeting għand Martin u Ina, meta biex itaffi mill-ħtija li kien qed iħoss *il-ħin kollu*, billi kien qed iqarraq b'martu b'dak il-mod, wara ħadha tiekol il-Hilton, u kellhom jitilqu qabel lanqas qagħdu bilqiegħda, għax sabu hemmhekk qabilhom partita Laburisti jieklu u jiċċaċċraw, u fost dawk l-uċuħ ta' qattagħni tal-irġiel u l-uċuħ miżbugħin wisq tan-nisa tagħhom, kollha jpejpu u jidħku jgħajtu like the world was their playground, ra lil ħadd inqas minn Lorry Sant … the man himself … so near and yet so far. Richard iffriża fil-post, iħares lejh, lejn dak ir-raġel, u kellha tkun il-mara li ġabitu konxju li kien se jiġbed l-attenzjoni ta' dawk

in-nies. Għadda minn quddiemu u xammlu l-aftershave. Ħass saħħa kbira fih dak il-ħin, frott il-mibegħda kbira li kellu għal dan-nies. Ried jibqa' hemm, biex josserva l-għadu mill-viċin, iżda minflok, huwa u l-mara spiċċaw jillitigaw sew, għax hi riedet titlaq minnufih. *I won't breathe the same air as those gangsters*. U rebħet hi, ovvjament. Ma riedx inkwiet, l-iżjed għax daqs sagħtejn qabel, waqt li hi kienet isfel man-nisa jerfgħu t-talb tagħhom lejn is-smewwiet forsi jismagħhom il-Bambin, hu kien fuq mal-irġiel jorganizzaw flimkien id-dettalji tal-attentat. Ma riedx inkwiet mal-mara. Kellu biżżejjed fuq moħħu.

Wara l-laqgħa Spiteri kien ħadu fil-ġenb u wrieh il-pistola. Ħariġha mill-pawċ tal-ġilda, biex imissha, biex iżommha f'idu, jagħraf it-toqol tagħha, is-sempliċità tal-inġinerija. Li kieku Lorry Sant u sħabu kienu jafu min kien għadu kif daħal fosthom fis-sala tal-Hilton, u reġa' ħareġ żewġ minuti wara, isegwi 'l-mara qisu t-tifel t'ommu … li kieku kienu jafu …

L-għada stess reġgħu ltaqgħu huwa u Spiteri, huma t-tnejn biss, fir-razzett ta' ħabib li qatt ma wera wiċċu. Hemmhekk, fil-kantina l-antika taħt l-art, għallmu kif jikkargaha, kif iżommha, kif jimmira, u fl-aħħar anke kif jispara. Mal-ewwel tir lejn il-bersall, l-isplużjoni rbombjat mal-ħitan imħaffra mill-bqaqen ta' Maltin li għexu seklu qabel, u Richard ittarrax għal bosta minuti. Spiteri serraħlu moħħu. Fil-kantina l-effett tal-isplużjoni huwa ħafna iżjed qawwi. Tibżax, mhux ħa jiġrilek l-istess meta tispara lejh, għax se tkun fil-miftuħ. Spiteri

deher kuntent bih, anke meta għall-aħħar "eżami" kellu jispara fuq kelb, u joqtlu, *għax ħaġa tispara lejn biċċa injama anke jekk għandha wiċċ Mintoff fuqha, ħaġ' oħra tispara fuq xi ħaġa ħajja, f'wiċċha. Trid taraha b'għajnejk, ixxommha, ixxomm id-demm, ixxomm il-bewla li ġieli tqattar mill-vittma, l-għadira demm li kkaġunajt inti stess. Trid tisimgħu jingħi, jiġbed l-aħħar nifs, għajnejh żlieġa, tara l-vulnerabilità ta' min qed imut, the tenderness of flesh*. Make believe the dog has *his* face. Richard kien għalaq għajnejh, talab maħfra malajr malajr, aċċetta s-sitwazzjoni tiegħu u qatel l-annimal mingħajr eżitazzjoni. Il-pistola qabżet f'idu meta spara, bħal xi ħaġa ħajja. Kienet sħuna f'idu. Ma damx jingħi l-povru kelb wara t-tir. Miet malajr. Kwistjoni ta' sekondi. Ma kien ta' ħadd, sabuh fit-triq, offrewlu x'jiekol. Spiteri ġiegħlu jinżel kokka u jħares f'għajnejn l-annimal qed imut. That helplessness, the soft eyes shutting down, fakkru fit-tfal tiegħu, meta kienu għadhom trabi tat-twelid. Dawwar ħarstu, għax ma felaħx jara iktar. For a beginner, ħa ngħidlek, you have the knack, feraħlu Spiteri.

Ġej minnu, kumpliment bħal dak kien ta' pjaċir kbir għal Richard. Għax Spiteri kien speċi ta' idolu tiegħu. Like an older brother, someone to look up to. Mill-ewwel darba li ltaqgħu kien laqtu. Kien raġel misterjuż, kif jixraq, kull darba b'informazzjoni ġdida jew messaġġ ġdid mill-"oħrajn", dawk l-entitajiet misterjużi li skont hu kienu qed josservawhom jippjanaw l-attentat minn barra. Spiteri kien bniedem mexxej, kapaċi jorganizza, bniedem ta' viżjoni, with the courage of his convictions,

raġel li jasal, li lest li jasal. Lest għal kollox. What has to happen *will* happen. Irtirat kmieni mill-armata Ingliża, stqarr li ried jiddedika lilu nnifsu għall-battalja l-kbira kontra t-theddida tal-Komuniżmu u s-Soċjaliżmu f'Malta. Kien hu li beda jorganizzahom, mit-82 'l hawn, erba' snin twal ta' stennija, ta' pjanar, ta' argumenti. Darba minnhom Spiteri tah x'jifhem li ma kien irtira xejn mill-armata. Anzi, kien laħaq grad ogħla, special operations, SIS, MI5, qatt ma qal eżatt. Seta' kien qed jesaġera, biex jimpressjonahom, biex iqawwilhom qalbhom. Iżda kulħadd qabel li kien jaf x'inhu jagħmel, u kellu l-kuntatti.

Issa li kien riesaq il-mument kruċjali ħassu tifel jilgħab logħba tal-kbar, mhux ċert jekk kienx kapaċi jasal sal-aħħar qawwi u sħiħ. Kemm xtaqu miegħu lil Spiteri dak il-ħin fuq il-gverta, l-anġlu kustodju jieħu ħsiebu u jurih x'għandu jagħmel, u meta, u kif.

Siegħa u nofs oħra nidħlu l-Port il-Kbir. Vjaġġ twil, li issa kien kważi wasal fi tmiemu. Minn Malta għal Londra, u minn Londra l-ajruplan għal Ruma. Minn Ruma ferrovija għal Catania. Ġurnata sħiħa fil-ferrovija, jara l-Italja għaddejja, bil-mod riesaq lejn pajjiżu. *Think of the details. The nitty gritty. That's all that counts.* Fuq hekk biss kien beda jkellmu Spiteri fl-aħħar ġimgħat, meta Richard waqaf iqaxxar il-leħja, biex jikkalkolaw kemm ried żmien biex iħalli daqna u mustaċċi. Il-bidu tat-trasformazzjoni tiegħu f'Maurizio Cravatti.

Il-passaport Taljan falz kien fil-but tal-ġakketta. Bl-arma tar-Repubblica Italiana fuq il-qoxra. Ir-ritratt fih kien tiegħu, iżda bil-mustaċċi, l-istess mustaċċi li kellu

fuqu issa. Mustaċċi ħfief li jdumu madwar għaxart ijiem biex jikbru. Forsi għalhekk intgħażel ukoll Richard. Għax id-daqna tikbirlu malajr. Cravatti. Maurizio Cravatti. Ħaseb li kien se jħossu stramb b'dak l-isem falz iżda anzi, bil-kontra, kien għal qalbu jirreċta. A breath of fresh air actually, to be someone else, and to be free to be so. Bla mistħija. Iktar ma temminha, iktar tirnexxi. Għax jekk temminha inti, id-dinja kollha temminha, għall-inqas f'dak il-mument, biżżejjed biex taqdi tajjeb il-funzjoni tiegħek. A cog in the wheel.

Malta kien qed jistennieh passaport ieħor, Awstraljan, taħt l-isem ta' Anthony Cefai, bir-ritratt tiegħu mingħajr mustaċċi u liebes nuċċali, ritratt ta' sena qabel, ftit wara li ddeċidew li jkun huwa li se jagħfas il-grillu. Biex jittrasforma ruħu fis-Sur Cefai, kulma kellu jagħmel huwa li qabel ma joħroġ mil-lukanda l-għada wara li jidlam, iqaxxar il-mustaċċi, jiġbed xagħru lura bil-ġell u jilbes in-nuċċali, biex b'hekk isir it-tieni karattru fid-dramm personali tiegħu. Addio Maurizio, hello Tony. Il-passaport Taljan ta' Cravatti kien se jieħu xawer miegħu. Tistagħġeb kemm jiddiżintegra malajr fl-ilma ġieri passaport falz. Il-passaport Awstraljan ta' Cefai kien se jieħdu miegħu Marsaxlokk.

Il-passaport tiegħu proprju, il-Malti, kien qed jistennieh Londra, fil-lukanda, fejn ħallieh, biex jużah għar-ritorn lejn Malta jumejn oħra, qisu xejn mhu xejn, qisu qatt ma tniffes. Dak il-passaport aħdar, our shame, we are not Arabs, that green colour imposed on us, the ultimate humiliation as a nation. Dik id-determinazzjoni kuraġġuża

trid tmantniha, iżżommha tħeġġeġ, inkella tmajna. Pjan kumpless iżda fl-aħħar mill-aħħar, jekk iżżomm moħħok hemm, sempliċi ħafna. Iżda għalfejn intgħażel hu? Ara fejn kien jimmaġina snin ilu li l-imħabba tal-kotba kienet se twasslu s'hawnhekk, sa dal-mument u dal-post f'nofs ta' baħar. Kienet skuża tajba, li jitla' Londra biex iżur il-ħwienet tal-kotba antiki, dawk li kienu jibagħtulu katalgi bil-posta kull ftit xhur, billi kien iħobb jikkollezzjona l-first editions ta' rumanzi tad-detectives, bħal Ellery Queen, Raymond Chandler u oħrajn. The perfect alibi. Il-mara għall-ewwel skantat bih li kien ħareġ b'din l-idea mhux tas-soltu, iżda wara ftit qablet miegħu. Saħansitra ħeġġitu jmur. *Good idea, go, you'll enjoy it, it will do you good*. Apprezza l-fiduċja li kellha fih.

Pejjep nofs sigarett bil-ħatfa, kull nifs donnu l-aħħar wieħed. Kien pjan perfett, jekk kulħadd iżomm ma' kull punto e virgola, u ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn ma kellhomx, huwa inkluż. Inutli toqgħod taħseb dwar x'jista' jmur żmerċ, issa meta kien tard wisq, issa li the ball is rolling. Xorta, kellu d-dubji. U kien sentimentali. He couldn't help it. Allaħares isir jaf Spiteri li kien ħalla ċ-ċurkett taż-żwieġ u nokkla minn xagħru d-dar ġo maktur mitwi moħbi fil-kexxun tal-qliezet ta' taħt, biex jekk għal xi raġuni ma jerġax jitfaċċa ħaj, dawn ir-relikwi jinstabu mill-mara f'xi ħin u tkun taf li ma kienx telaqha kiesaħ u biered. Ħaseb li jiktbilha ittra wkoll, iżda reġa' bdielu fl-aħħar mument. One must not be foolish.

Tefa' s-sigarett barra fil-baħar u l-ġamra nbelgħet mis-swidija tal-mewġ. Idea tajba kienet din tas-sigaretti.

Fl-aħħar jumejn kien diġà "pejjep" pakkett u nofs. Biex tkun out of character, Richard. Maurizio Cravatti jpejjep. Richard Sammut Petri ma jpejjipx. Importanti biex ma tingħarafx, just in case, you know. Kull dettall jgħodd.

Reġa' daħal ġewwa, lejn postu fuq mejda f'rokna tar-restorant mudlam. Mexa minn bejn in-nies bilqiegħda u mimdudin madwar l-imwejjed, fuq kull siġġu u bank li kien hemm, reqdin jew nofshom reqdin, passiġġieri bħalu, Maltin bħalu. Kien osservahom Catania, telgħin fuq il-vapur, mgħobbijin b'basktijiet imbulmati affarijiet. Ċikkulata. Toothpaste. Ħwejjeġ. Fwieħa. Iktar ċikkulata. Ġugarelli. Xi pistola tal-plastik forsi. U x'se jgħidulhom lil tad-dwana dawn meta jinżlu Malta? B'kemm-il lira kienu se jxaħħmuhom? What a pathetic nation.

Bilqiegħda fir-rokna tiegħu, serraħ saqajh fuq siġġu vojt u pprova jorqod ftit. Iżda għalxejn. Kellu jikkuntenta billi jibqa' fejn hu, bilkemm jitniffes, u joqgħod josserva r-reqdin madwaru b'mod kważi omnipotenti, wara kollox huwa kien jaf xi ħaġa li huma ma kinux jafu, xi ħaġa importantissima, dwar id-destin tagħhom bħala poplu. Mill-ewwel daqqa t'għajn stajt tobsor li kienu Maltin tipiċi, neqsin minn ċerta intelliġenza, goffi. Bħat-tfal jagħmlu. Joħolqu paniku għal kull ħaġa ta' xejn. Nies mingħajr edukazzjoni, mingħajr sens ta' storja u ta' kemm hi kbira d-dinja, mingħajr ma huma interessati jew konxji tal-ideat il-kbar li jmexxu 'l-bniedem u għemilu. Moħħhom fix-xiri, u l-partiġjaniżmu meskin. Moħħhom fil-festa. Poplu ta' tfal. Ta' mogħoż. Stħajjel li kien qed jarahom, dal-Maltin, kif kienu jarawhom l-Ingliżi, our

colonial masters. Bl-istess għajnejn ta' maġġur Ingliż. Bl-istess għajnejn ta' Spiteri forsi. U fl-istess ħin Richard seta' anke indirizza dil-mistoqsija lilu nnifsu: ma tarax lilek innifsek fihom dawn in-nies? Inti wieħed minnhom. You're no better than them. Better educated, yes, imma Malti bħalhom, sal-mudullun. Tgħaġġibha daqshom. Reġgħu, id-dubji …

Bil-mod il-Maltin madwaru bdew iqumu bħal minn raqda preistorika, u wara t-titwib u t-tgergir u l-ħakk tal-għajnejn, kaxkru l-bagalji tagħhom sal-bieb li jagħti għal fuq il-gverta.

Spiteri kien qallu, b'dik it-tbissima feroċi li għandu:

"Your time will come. In fact, your time *has* come, to wake this country up, to show our countrymen a thing or two."

Qagħad lura u ħalliehom joħorġu mill-bieb għal fuq il-gverta, his *countrymen*, u mbagħad ħareġ huwa wkoll. Laqgħetu l-veduta tal-kosta Maltija, qrib ħafna, id-daħla tal-Port il-Kbir eżatt quddiemhom, bil-brejkwoter bilkemm jidher fid-dlam. Ix-xatt, il-Belt, u Ricasoli kienu silwetti, forom magħmula mid-dlam innifsu. Fil-fatt, stramberija fuq stramberiji, il-Belt kollha kienet mgħarrqa fid-dlam.

Il-vapur beda ż-żelqa tiegħu għal ġol-port, u f'mument ta' grazzja Richard stħajjel li kien fis-sema fuq rasu jħares 'l isfel lejn din ix-xena, u xebbah il-vapur ma' biċċa taċ-ċess li titressaq minn kaxxa sewda għal kaxxa oħra, sewda wkoll. Kienet tixbiha li ħawditu, frott is-subkonxju ta' raġel li ilu daqsxejn ma jagħlaq għajn m'għajn.

Sema' l-ilħna Maltin jgħidu:

"Mar id-dawl haw', sewwa qed nara?"

"Mhux il-Belt biss. Ara l-Kalkara u l-Isla. Dlam ċappa wkoll."

Ħareġ sigarett u xegħlu, waqt li l-profil iswed tal-Belt żelaq minn quddiem għajnejh. Il-Barrakka t'Isfel, is-swar, il-kampnar ta' San Ġwann …

"Jimporta tixgħelli naqra?" sema' leħen maġenbu.

Kien wieħed mill-Maltin.

"Scusate, non capisco. Sono italiano," wieġbu fil-pront Richard, sodisfatt bl-ispontanjetà tar-reċtar tiegħu.

"Una fiamma, per favore," insista miegħu l-Malti, u b'sebgħu għamillu s-sinjal internazzjonali għal lajter.

Għaddielu l-lajter. Kien raġel qsajjar, imbaċċaċ. Richard għamel ħiltu biex ma jurix id-disprezz tiegħu għal dan ir-raġel u r-razza tiegħu, u ma kienx jaf 'k irnexxilux. Il-Malti ma deherx preokkupat.

"Niente luce," qallu. "Tutto buio. Una problema a Malta, per noi, sempre lo stesso, il luce va e viene."

U daħak. Richard daħak miegħu, daħka niexfa li kellu jisforza l-muskoli ta' wiċċu biex jidħakha.

Huma u neżlin ir-rampa għal fuq l-art id-dawl ġie lura. Fanal fuq il-bieb tal-bini tad-dwana teptep tnejn u xegħel. Instemgħet għagħa minn ġewwa l-bini, għajjat ta' ferħ jew rabja, diffiċli tgħid.

Fid-dwana l-ewwel sfida. Mhux ta' b'xejn li kien intgħażel huwa għal din il-biċċa xogħol. Persuna timida bħalu, bi ftit ħbieb, dejjem aħjar minn wieħed li jafu kulħadd. Ma tridx wisq biex jagħrfuk Malta. L-uffiċjali

tad-dwana kienu wċuħ ġodda għal Richard u l-pjan kien tfassal bil-ħsieb li dakinhar ma kienx se jkun shift ċertu wieħed Ġorġ Abela li kien jgħix erba' triqat 'il bogħod minnu. Ma kienx jafu minn Adam, u bil-mustaċċi wiċċu kien inbidel għalkollox, imma better safe than sorry. Richard żamm għajnejh 'l isfel, kwiet kwiet, il-passaport Taljan f'idu, il-bagalja żgħira fl-id l-oħra. Taljan qed jasal Malta għal btala qasira kif iġib ruħu? L-importanti li jidher għajjien, li fil-fatt kien. Ma kellux għalfejn jirreċta biex kull eżitazzjoni u titwiba u ħakk ta' għajnejh ħomor, jidhru naturali u spontanji.

Quddiemu fil-kju kien hemm familja Maltija, omm, missier u żewġt itfal għadhom nofshom sturduti binngħas. Tad-dwana qabad magħhom. Ġegħelhom jiftħu l-bagalji kollha, saħansitra waħda roża tal-Barbie tat-tifla ċkejkna tħokk għajnejha u tittewweb, u bil-mod, minkejja l-protesti tal-missier kważi bid-dmugħ f'għajnejh, beda ħiereġ il-kuntrabandu: pakketti fuq pakketti illegali ta' ċikkulata, dawk l-ilwien inekwivokabbli jgħajtu iswed. Mars. Aħmar. Kit Kat. Kannella. Toblerone. U toothpaste Colgate. Erba' fliexken shampoo. Eċċetra eċċetra.

Richard kien qed isegwi dix-xena u ma indunax mill-ewwel li ta' wara t-tieqa kien qed jgħajjatlu. Kien imiss lilu.

"Italiano?" qallu, waqt li qaleb il-paġni tal-passaport.

"Sì," wieġeb Richard u evita li jħares f'għajnejh.

"Che fai qui?"

"Un piccolo viaggio, come turista."

"Che cosa hai dentro la valigia?" staqsieh u mingħajr ma stenna tweġiba sejjaħ lil sieħbu, uffiċjal ieħor li kien

mistrieħ mal-ħajt, ipejjep sigarett.

"Charlie, fittixlu naqra 'l dan."

Charlie qallu biex isegwih.

"Che cosa succede?"

"Vai con lui. Non ti preoccupare."

Segwa r-raġel li kien jismu Charlie għal ġo kamra fil-ġenb. Kienet mixgħula minn bozza waħdanija, u ħlief għal mejda żlugata kienet vojta. Mal-ħajt forom astratti u grotteski fejn iż-żebgħa safra kienet qed titqaxxar.

"Bagalja fuq il-mejda," qallu. Kien kmand stramb u għal nofs sekonda Richard kien se jobdih. Waqqaf lilu nnifsu fil-pront.

"Scusate, non capisco."

Charlie ma kellux sabar u malajr telagħlu. Sabbat idu fuq il-mejda.

"Qui, qui. *Il-bagalja*."

Richard qiegħed il-bagalja fuq il-mejda, il-mibegħda kbira li ħass dak il-ħin għal dal-bniedem vulgari u insinifikanti tielgħa bħal ragħwa mill-istonku lejn rasu.

Charlie beda jqalleb b'ċertu pjaċir fil-ħwejjeġ imqegħdin puliti puliti. Deher iddiżappuntat.

"Quanto soldi?" staqsieh.

"Cinquecentomila lire."

"Fammi vedere."

Wara li ra l-flus Charlie qallu biex jagħlaq u jitlaq. Anticlimax togħma ta' sodisfazzjon. L-ewwel ostaklu għadda mela.

Barra, fit-triq, kien qed jisbaħ. Xegħel sigarett ieħor u ħares madwaru għal taxi. L-arloġġ tiegħu wera s-sitta

u kwart. Strieħ ma' arblu u stenna. Ġismu kien għajjien, iżda moħħu le. Kellu fuqu dik l-għeja u enerġija fl-istess ħin li kull min ma jorqodx lejl sħiħ u jara x-xemx tielgħa jaf xi jfissru.

Tfaċċa taxi. Xi passiġġiera mill-vapur dehru ħerġin mill-bieb ta' barra tad-dwana u ħaseb li x-xufier se jieqaf għalihom, iżda mar dritt sa ħdejh, waqaf, u bit-tieqa diġà mniżżla staqsieh fejn ried imur. Richard tah l-isem tal-lukanda Tas-Sliema u fis-skiet saqu lejn id-destinazzjoni. Fis-sit fond u komdu tal-Mercedes Richard ħalla moħħu jiġri bih u beda jissuspetta li x-xufier kien imdaħħal fil-pjan, u li kien jaf min hu … li kien qed iħares lejh minn tarf għajnejh u jeżaminah, janalizzah, jiżen il-kapaċità tiegħu li jirnexxi.

Fil-kamra tal-lukanda, wara check-in mgħaġġel, intelaq fis-sodda wisq ratba, xegħel sigarett u forsi għall-ewwel darba minn mindu beda jpejjep, apprezza t-togħma ta' sigarett. Imbagħad kellu jqum biex jagħlaq il-purtiera għax kien sebaħ għalkollox u d-dawl kien beda jdejjqu.

Il-pjan kien sempliċi. Stenna sakemm jidlam. Sa dak il-ħin ibqa' ġewwa u orqod kemm tista'. Strieħ. Importanti li tistrieħ. Fil-gwardarobba hemm ftit ikel biex tnaqqar u fil-kexxun tal-komodina għandek issib …

Fetaħ il-kexxun ta' fuq. Sab in-nuċċali, il-passaport u l-bott ġell. Kien jaf x'kien hemm jistennieh f'ta' taħtu, iżda xorta ħasditu l-pistola. Ma qabadhiex f'idu. Minflok, intefa' mimdud fis-sodda. Iżda ma kellux kwiet. Ried jorqod u ma setax. Wara jum u lejl bla ma tagħlaq għajn m'għajn tistenna li l-ġisem jikkrolla, jarrendi għall-għeja

u jintelaq *bla ma jrid* fl-irqad. Iżda Richard kien jinsab f'limbu lil hinn minn dak l-istat. Moħħu kien qed jiġri bih, u ma setax ilaħħaq miegħu. Kien qed jistħajjel li kienet diġà għaddiet dil-ġurnata twila quddiemu u l-lejl li kien riesaq ġmielu, u li l-ħaġa kienet mitmuma, u kien fuq id-dgħajsa, dik li kienet se toħorġu 'l barra minn Malta, f'nofs ta' baħar, lura lejn Sqallija; u beda jistħajjel li kien diġà niżel Sqallija, u kien qed jistenna l-ferrovija li tieħdu Catania, fl-istazzjon tal-belt żgħira ta' Vittoria; u stħajjel ukoll li kien fuq dik il-ferrovija, kwiet kwiet, anonimu, ħadd ma jissuspetta xejn; umbagħad li kien wasal Ruma minn Catania, u qed jaqra l-gazzetta, bit-Taljan, bl-aħbar tal-mewt ta' Mintoff; u lilu nnifsu lura Londra, għajjien mill-vjaġġ minn Ruma, il-passaport ta' Cefai jgħaddi bla problemi mill-kontrolli f'Heathrow; u beda jistħajjel lilu nnifsu fil-kamra tal-lukanda f'Londra, back where he started, kollox għadu kif ħallieh, u spiċċa joħlom li kien fuq l-ajruplan, itir lura Malta, it-tfal jgħannquh, il-mara tbusu, everything is OK, everything is OK, OK is everything is everything

Baqa' stendut fis-sodda barranija, is-saqqu wisq artab, il-lożor nodfa, jiskanta lejn is-saqaf, jistenna, jistenna, jistenna huwa u joħlom imqajjem dal-ħolm fieragħ. Minkejja l-purtieri magħluqin, id-dawl qawwi tax-xemx xorta rnexxielu jidħol ġewwa l-kamra, fjakk iżda preżenti. Dam l-isbaħ kwarta jipprova jissikka l-purtiera b'xi mod li d-dawl minn barra ma jkunx jista' jnixxi għal ġewwa. Għalxejn.

U fil-qalb ta' qalbu kien jaf li ma setax jorqod għal

raġunijiet oħra. Tul dak il-vjaġġ twil u agonizzanti minn Londra, b'passaport falz m'hemmx għalfejn ngħidu l-biża' dejjem hemm ikun, b'xi mod kien żamm il-kalma. Issa, wara li kien wasal, u l-kbir kien għadu ġej, issa li kien imkeffen f'dil-kamra bla karattru fejn jorqdu fiha s-soltu turisti anonimi, b'pistola tistennieh kiesħa u metallika fil-kexxun, ir-realizzazzjoni ta' minn xiex kien għaddej, u tar-responsabilità enormi li kellu, bdiet tiċċara ruħha f'moħħu. Ħassu msammar mas-sodda, fi stat ta' terrur li qatt ma kien basar li kien se jaqbdu.

Spiteri kien wissieh biex jikkontempla kull tentufa tal-pjan, tal-possibilitajiet kollha tal-pjan, inklużi dawk koroh, li jinqabad, li jfalli, li jinqatel, li jiżbalja, kien hemm lista twila tagħhom dawn, u issa bdew telgħin fil-wiċċ. U kien ħaseb fihom, iżda mod tkun id-dar fis-sodda titqalleb u thewden, mod ieħor tkun f'dil-lukanda, taparsi barrani, taparsi qattiel ta' vera, jew qattiel ta' vera taparsi, jew qattiel taparsi ta' vera … x'kien eżatt?

*An assassin.*

Għad jagħmlu film fuqi. Xi ħsieb banali meta toqgħod taħseb. U l-ħin għaddej sparat bil-pass ta' bebbuxu.

Seta' kien qed jiżbalja bil-goff. Seta' kien qed jikkumbatti man-naħa l-ħażina, bla ma jaf. Il-ħażen jaf jilgħab mal-kuxjenza, jekk tħallih. Kemm tbexxaq il-bieb u jidħol u lanqas tkun taf li daħal. Anzi, jilbes il-maskra tat-tajjeb u jilgħab bil-kuxjenza tiegħek billi jdawwar kollox bil-kontra. It-tajjeb huwa ħażin, u l-ħażin jidher tajjeb. U fil-konfużjoni tgħid lilek innifsek, mela huwa tajjeb li toqtol, huwa tajjeb li toħloq il-kaos, huwa tajjeb

li titfa' lil familtek fil-periklu. The end justifies the means. *I* am the means, but what *is* the end? Not what we want it to be, but what it will really be? That is the question. U jekk mela seta' kien fuq in-naħa l-ħażina, mela n-naħa l-oħra kienet it-tajba? Mintoff, the good guy? *Mela qed niġġennu?*

Lejn nofsinhar, bi sforz kbir qam mis-sodda, u beda jlesti ruħu. Ħassu student qabel eżami. L-ikbar eżami ta' ħajtu. Doċċa taħt l-ilma sħun. Il-passaport Taljan malajr beda jitmermer u jaqa' biċċiet f'idu taħt l-ilma ġieri. Ir-ritratt iżda baqa' sħiħ. Qatgħu biċċiet żgħar u ħalla kollox jinżel mal-ilma kollu sapun sakemm ma kienx hemm traċċa waħda ta' dak il-passaport tas-Sur Maurizio Cravatti. Kien qisu qatt m'eżista, li fil-fatt kien minnu. Issa, Richard kien se jsir Tony Cefai, il-Malti Awstraljan. Il-passaport Awstraljan kien għadu fejn sabu, fil-kexxun, biswit in-nuċċali.

Ħadha bil-lajma quddiem il-mera, iqaxxar il-mustaċċi, u l-leħja li kienet bdiet tiskuralu l-geddum u l-ħaddejn. Fl-aħħar, ftit wara s-siegħa, sab ruħu lest, liebes, xagħru ġġelljat lura, għajnejh jikluh biex jistaħbew wara n-nuċċali.

Il-pjan kien ċar u preċiż. Toħroġx barra mil-lukanda sakemm jidlam, għal xi s-sitta. U x'se joqgħod jagħmel għal sitt sigħat magħluq ġo dil-kamra? Fil-gwardarobba sab l-ikel jistennieh. Żewġ laned tat-tonn taż-żejt, ħobża tal-Malti, tadama u flixkun ilma. Ġietu tentazzjoni enormi li jċempel id-dar, taparsi qed iċempel minn Londra, biex jisma' leħen il-mara, u jgħidilha li jħobbha. Forsi jgħid

hello lit-tfal ukoll. Is-Sibt, suppost ikunu d-dar dal-ħin.

Mewġa ta' sentimentaliżmu belgħetu ħaj. It-tfal tiegħu. Kien iħobbhom bi mħabba kbira li bħalissa seta' jesprimi biss billi *jimmaġina* li qed ikellimhom. Għalihom kien ħareġ għonqu. Għall-futur tagħhom. Għal Simon, iż-żgħir, b'dawk l-għajnejn miftuħin beraħ jixorbu kollox; u għal Noel, li dan l-aħħar kien sar jinkwetah, juri sinjali ta' sfrattu, inkwiet l-iskola, ma jobdihx, answering back, kumpanija ħażina. U l-mara taqbeż għalih. *He'll be a teenager next year Rich, have patience with him …*

Bil-ħsieb ta' martu, intlaqat għal għarrieda mix-xewqa urġenti li jagħmel is-sess. Sa mument qabel is-sess kien l-aħħar ħaġa li kellu fuq moħħu, u martu, believe it or not, l-aħħar persuna li kienet tiġi quddiem għajnejh f'dak il-kuntest. Iżda hawn kien issa, jintelaq lura fis-sodda huwa u jinża' l-qalziet u l-qalziet ta' taħt. Kien mod kif iħossu qrib tagħha forsi. Fil-fatt, għal ftit mumenti l-idea ħadmet. Nesa kollox, nesa mnejn ġej u fejn sejjer, nesa min hu, min hu taparsi, nesa Mintoff, nesa Malta, nesa Londra, nesa t-tfal, nesa kollox. Kien hemm biss dak l-organu sensittiv. Ħadha bil-lajma anke din, kellu l-ħin, u l-orgażmu kien qawwi.

Wara, mitluq lura, imriegħed, waħdu għalkollox, fil-frisk ta' dil-kamra mudlama, baqa' jaħseb f'martu Maureen. Is-solitudini li qabditu kienet insistenti u krudili iżda għall-inqas kienet intfiet għalkollox ix-xewqa li jċemplilha u jisma' leħinha. U wara kollox, kienet tkun ġennata kieku ċempel id-dar. Huwa hawn ma kienx jeżisti. Maureen u Noel u Simon ma kienx jafhom. Dak

ir-raġel, ir-raġel ta' Maureen, il-missier ta' Noel u Simon, Richard, dak kien bniedem ieħor, innoċenti; kien Londra jżur il-ħwienet tal-kotba, ifittex dak il-first edition ta' *Calamity Town* ta' Ellery Queen li kien ilu għalih is-snin. Kellu jżomm dan f'moħħu. Huwa ma kienx jeżisti. Kien spirtu, ħolma kerha, an apparition, avenging angel and divine messenger. Għajnejh bdew jitqalu bil-piż tal-ħedla li niżlet fuqu bħal ċpar oħxon mal-kamra kollha.